A.L. 46 ta' l-1984

ATT TA' L-1976 DWAR L-AWTORITA' TAD-DJAR
(ATT NRU. XV TA' L-1976)

Ordni ta' l-1984 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 5)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1984 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 5). Titolu.

2. Il-proprjetà deskritta fil-paragrafu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 2 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar. Proprjetà speċifikata.

3. Il-proprjetà speċifikata fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mit-18 ta' Settembru, 1984. Jum stabbilit.

4. Il-proprjetà msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri: Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

(a) Biċċa art fl-*Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' l-Iklin, limiti ta' Birkirkara tal-kejl ta' madwar 77 metru kwadru liema art se tkun miżjuda mal-*Plot* Nru. 29, li tmiss mit-Tramuntana u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Punent ma' proprjetà ta' l-Awtorità tad-Djar.

(b) Id-djar li ġejjin fl-*Estate* tad-Djar tal-Gvern Ta' Paris, Birkirkara:

(i) Il-*flat* numru 16, Blokk A, *Estate* tad-Djar tal-Gvern Ta' Paris, Birkirkara;

(ii) Id-dar numru 4, *Row* E 3, *Estate* tad-Djar tal-Gvern Ta' Paris, Birkirkara.

(ċ) Id-dar numru 4, *Estate* tad-Djar tal-Gvern Tal-Qattus, Ħal Għaxaq.

(d) Id-djar numri 10, 23 u 26, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Mġarr, Malta.

(e) Id-djar li ġejjin fl-*Estate* tad-Djar tal-Gvern, ir-Rabat, Malta:

(i) Id-djar numri 4 u 7, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Ta' Għajn Qajjet, ir-Rabat, Malta;

(ii) Id-dar numru 1, *Estate* tad-Djar tal-Gvern Ta' Busugrilla, ir-Rabat, Malta.

(f) Il-*flat* numru 1, Blokk 3, Triq Ħal Luqa, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Ħal Tarxien.

(ġ) Id-djar li ġejjin fl-*Estate* tad-Djar tal-Gvern Taċ-Ċawla, ir-Rabat, Għawdex:

(i) Il-*flat* numru 6, Triq Sannat, Estate tad-Djar tal-Gvern Taċ-Ċawla, ir-Rabat, Għawdex;

(ii) Id-dar numru 12, Triq Sannat, *Estate* tad-Djar tal-Gvern Taċ-Ċawla, ir-Rabat, Għawdex;

(iii) Id-dar numru 16, Triq 7 ta' Ġunju 1919, *Estate* tad-Djar tal-Gvern Taċ-Ċawla, ir-Rabat, Għawdex.